MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

**5 ta' Awwissu 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Sephora Cutajar – Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Antoine Attard, Owen Patrick Attard, Sephora Cutajar, Deborah Mifsud, John Mizzi, Marie Claire Zammit Bonello u Francis Pullicino.

Għal laqgħa kien hawn preżenti wkoll il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**3.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

3.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

3.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġija

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

3.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 2 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

3.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar, il-minuti tal-laqgħa numru 2 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

3.2.3 *Matters arising:*

3.2.4 Rigward transport ċirkulari s-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet illi s-Segretarju Parlamentari reġa' wiegħed dan is-servizz u qal illi t-tender jinsab fi stadju avvanzat. Hija qalet li jaqbel illi naraw x'se jkun ikopri dan is-servizz, u imbagħad, nimmeljorawh anke għall-isptar.

3.2.5 Rigward il-proposta ta' *traffic management* Ta' Paris, is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li qed nistennew appuntament ma' TM.

3.2.6 Rigward il-proposta għal Dar ta' l-Anzjani flok *St.Phillips*, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma illi kien bagħat email uffiċċjali lill-Kunsilli tal-madwar u qed nistennew risposta.

3.2.7 Rigward id-devoluzzjoni tal-mitħna ta' l-Imrieħel qed nistennew appuntament mil-*Lands*. Is-Sindku qalet lill-kunsillier is-Sur Antoine Attard li jekk ma jkollniex risposta, torganizza laqgħa maċ-*chairman* tal-Lands.

3.2.8 Rigward il-karozza abbandunata, il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal li din issa tneħħiet.

3.2.9 Rigward il-propsta ta' ġemellaġġ ma' Castel Maggiore, ġie deċiż li nkomplu fuq temi kulturali u ġie deċiż ukoll li nerġgħu nippruvaw il-ġemellaġġ ma' Quartu Santa Elena peress li l-attentat li konna għamilna xi snin ilu kien falla. Fi Quartu jiċċelebraw lil Santa Elena.

**3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li l-Kunsill issa għandu kunsillier ġdid, is-Sur Francis Pullicino, li tela' bil-*bye election*, dan kellu jassumi r-responsabilta' tal-qasam soċjali. Kien hemm qbil unananimu.

3.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien mar għal 50 ktieb bl-isem ta' BUKKETT WARD ta' Charles E Cilia li jinsab fi stat ħażin ħafna ta' saħħa. Is-Sur Cilia filwaqt li ta dawn il-50 ktieb xtaq li l-Kunsill jagħti donazzjoni lill-*Malta Community Chest Fund.* Ma kienx hemm oġġezzjoni. Dawn il-kotba se jitqassmu fl-iskejjel.

3.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva proposta minn THE NOTEBOOK CENTRE fejn dawn kienu qed joffru li jekk il-Kunsill iħallashom 4995 euro VAT eskluża, huma kienu se joffru lir-residenti Karkariżi kollha biex għal darba waħda, jkunu jistgħu jieħdu l-PC tagħhom fil-ħwienet tagħhom u jibbenefikaw minn *reformatting*/tneħħija ta' xi *virus*/*general service* b'xejn. Il-Kunsill ikollu jirriklama dan is-servizz. Filwaqt li ma kienx hemm problema fuq din l-ideja li ġa ġiet implimentata f'xi kunsilli oħra, madankollu ħa nitolbu lill-ħwienet ta' Birkirkara wkoll, u naraw x'joffru, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

3.3.4 Is-Sindku qalet li avviċinaha s-Sur Paul Galea minn naħa tal-*Malta Railway Foundation* biex il-kunsill ma jieħux kamra mill-istazzjon imma jeħodha minn xi post ieħor fl-istazzjon. Kien hemm diskussjoni u ġie deċiż illi peress li fil-binja ta' l-istazzjon kien jiltaqa' l-ewwel kunsill, ma jistax ikun li ma jkunx hemm kamra dedikata għall-kunsill.

**3.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

3.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar qal illi fuq l-integrazzjoni, se jsir taħriġ għall-istaff taħt il-programm ADMin4ALL flimkien ma' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Is-Segretarju se jinnomina xi ħadd mill-istaff għal dan it-taħriġ u jiġi ffirmat MOU. Ħa ssir ħidma wkoll biex niksbu aktar informazzjoni dwar it-*third country nationals* li joqogħdu Birkirkara biex imbagħad inkunu nistgħu nilħquhom aktar.

3.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi bdejna taħdidiet ma' l-iskola ta' Mrieħel biex jinfetaħ il-grawnd filgħaxija, pero l-Kunsill ikun irid jisponsorja *open air gym* biex jintuża mill-pubbliku wkoll. Ma kienx hemm oġġezzjoni u se nkomplu nesploraw il-possibilta'.

3.4.3 Il-Kunsilliera s-Sa. Marie Claire Zammit Bonello staqsiet jekk qatt smajna xi ħaġa dwar dawn li kienu għamlu *pilot project* tal-*parking sensors* fi Triq it-Torri. Is-Segretarju qal li ma konna rċevejna xejn. F'dan is-sens se niffolowjaw magħhom ħalli naraw xi żviluppi teknoloġiċi hemm.

**3.5 Risposta għall-*management letter***

3.5.1 Il-Konsulent Finanzjarju s-Sur Christian Vella qassam abbozz tar-risposta għall-*management letter* ta' l-awdituri. Huwa qal li l-aktar ħaġa nkwetanti kienet is-sitwazzjoni finanzjarja għax din mhux xi ħaġa li tista' ittejjibha mil-lum għal għada.

3.5.2 Huwa ssuġġerixxa numru ta' risposti fuq it-temi l-oħra, u se ssir ħidma biex ħafna mil-punti jiġu ndirizzati. Hemm punti oħra li ftit li xejn jista' jsir dwarhom eżempju l-ispiża relatata ma' Jum Birkirkara li billi tinzerta fix-xitwa, bla ma mmissu ma xejn iktar, dejjem għandna spejjeż relatati ma' tinda u trofej billi Birkirkara kbira.

3.5.3 Peress illi għandna ħafna kontijiet bankarji antiki li ma għadhomx jintużaw, ġie deċiż illi ftit ftit nibdew nagħlqu minnhom u niffokaw biss fuq kont wieħed. Dan biex inħaffu aktar fir-rikonċiljazzjoni tal-banek. Ġie deċiż illi niktbu uffiċċjalmnet lid-dipartiment Gvern Lokali biex l-allokazzjoni tibda tintbagħat fil-kont tal-BOV u nagħlqu l-kontijiet oħra ma' banek oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv se jaħdem fuqhom.

3.5.4 Ir-risposta tal-*Management Letter* ġiet approvata bla oġġezzjoni u se tintbagħat lid-dipartiment.

**3.6 Proġett ta' Monita - Stazzjon**

3.6.1 Dan l-item fuq l-aġenda ġie maqlugħ mill-aġenda u l-ewwel se ssir laqgħa li għaliha se jkunu mistiedna l-kunsilliera kollha flimkien ma' ta' Monita.

**3.7 Skedi varji tad-dipartiment**

3.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi flimkien mal-kunsilliera responsabbli, ried jagħti rendikont ta' skemi tad-dipartiment li applikajna ghalihom.

3.7.2 Flimkien mal-Kunsillier is-Sur Justin Schembri ta dettalji dwar l-iskema tal-librerija fejn applikajna għal *virtual reality kits*.

3.7.3 Flimkien mal-Kunsilliera s-Sa. Sephora Cutajar ingħataw dettalji dwar l-iskema tal-ħarsien ta' l-annimali fejn se jsir *neutering*.

3.7.4 Flimkien mas-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech ta dettalji dwar l-sikema tar-restawr. Peress illi waħda mill-kundizzjonijiet ta' l-iskema hija li diġa irid ikun hemm permess tal-*Planning Authority*, ġie suġġeriet li aħna napplikaw għar-restawr ta' l-istatwi ta' San Ġużepp fi Triq Imsida u San Mikiel fi Sqaq il-Vitorja.

3.7.5 Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-ebda idea dwar l-iskemi varji.

**3.8 *Awguri tal-festa***

3.8.1 Ġew skambjati l-awguri għall-festa Santa Elena 2019 mis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera u rappreżentanti ta' l-għaqdiet.

**3.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/8 u *petty cash***

3.9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-*petty cash*. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Karl Cutajar u approvati nem. con.

3.9.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 2/8. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar u l-Kunsilliera s-Sa. Rita Borġ. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**3.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

3.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 6 ta' Settembru fis-6pm.

Konfermati, illum 6 ta' Settembru 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |